SAN GILJAN
KUMITAT AMMINISTRATTIV
Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 23b/KA1/12

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 13/09/'12 23**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 13/09/'12 30**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-6.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Mary Grace Scicluna
Il-Membru Charles Agius

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati : Il-Membru Clayton Tanti Gregoraci

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Iċ-Ċermen Richard Scicluna ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-10 ta' Settembru 2012. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2012
4. Aġġornament fuq ix-xogħolijiet ta' Triq Spinola
5. Komunikazzjoni miċ-Chairman
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 22c/KA1/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Chairperson Grace Scicluna pproponiet l-approvazzjoni tagħhom

1.3.03 Iċ-Chairman Richard Scicluna ssekondaha.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

1.3.05 Ġew iffirmati il-Minuti 23/KA1/12 fejn għal din is-seduta ma kienx hemm *quorum*.

1.3.06 Il-Membru Charles Agius wasal fis-6.15p.m.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P510,P469 & KA128 | Korrispondenza rigward konġestjoni ta' Traffiku f'Paceville. |
| P513 | Email mingħand it-Transport Malta rigward 'keep clear' bay fi Triq Elija Zammit – Paceville, San Ġiljan. |
| P567 | Invoice mingħand is-San Paolo Services Ltd għad-disin ta' l-emblema. |

P571 Email mingħand it-Transport Malta rigward *Pedestrian Crossing* fi Triq il-Knisja.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P510 KA 187/Pers. F1, 43b & 11/12 - MC

2.02 Saret riferenza għat-talba li saret mingħand it-Transport Malta rigward konġestjoni ta' traffiku f'Paceville. Ġie deċiż unanimament li l-membri tal-Kumitat jiltaqaw ma' rappreżentant tat-Transport Malta biex tiġi spjegata s-sitwazzjoni ġewwa Paceville. Iċ-Chairperson Richard Scicluna għandu jipprovdi xi ritratti.

Rif. Nru. P513 KA 188/43c/12 - MC

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand Transport Malta rigward 'Keep Clear' bay fi Triq Elija Zammit. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni li ssir din il-'Keep Clear', dment li din issir ghas-spejjeż ta' min talabha.

Rif. Nru. P567 Informed verbally.

2.04 Saret riferenza għall-fattura nru. 10651 datata 3 ta' Awwissu 2012, mingħand Sense, dwar l-emblema tal-Kumitat Amministrattiv Paceville. Ġie deċiż unanimament li dan il-kont jitħallas wara li tiġi ppublikata l-emblema fuq il-Gazzetta tal-Gvern u dment li l-Kumitat jingħata l-*Art Work.*

Rif. Nru. P571

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward *Pedestrian Crossing* fi Triq il-Knisja.
F'din il-laqgħa ġie ċċarat il-punt li *ż-Zebra Crossing* ta' quddiem La Maltija Restaurant tersaq aktar l'fuq biex min jużha jkollu viżjoni aktar ċara tat-traffiku u li din issir tal-*paving blocks* bojod. It-tip li jintużaw għal bankini. KA 189/43b/12 - MC

2.06 Ġie deċiż li tintalab laqgħa ma' rappreżentant tat-Transport Malta sabiex issir laqgħa *on-site* biex jiġu diskussi *ż-Zebra Crossings* ġewwa Paceville. KA 187/Pers. F1, 43b & 11/12 - MC

**3 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Gunju 2012**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2012 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tiegħu.

3.04 Il-Viċi-Chairperson Grace Scicluna ssekondatu.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4 Aġġornament fuq ix-xogħolijiet ta' Triq Spinola**

4.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat bl-istima tal-bankina fi Triq Spinola quddiem l-Palazz Spinola biex issir tat-tip tal-*paving blocks* grizi. (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Wara diskussjoni qasira l-Kumitat qabel unanimament li:-

a) il-bankina ssir bil-*paving blocks* griżi;

b) il-Perit jiġi mitlub biex jagħti *feedback* lill-Kumitat dwar f'liema stadju waslu x-xogħolijiet tat-Triq Spinola biex din titlesta bir-resurfacing. KA 190/Tend. FI/12-MC

**5 Komunikazzjoni miċ-Chairman** KA 183/194/12-MC

5.01 Ġie deċiż unanimament li tintalab stima mingħand ir-Reġjun Ċentru / Kumitat Konġunt Lvant għas-servizz ta' żewġ gwardjani lokali bejn it-8.30 u d-9.30 ta' filgħodu kuljum minbarra il-Ħadd għal tlett xhur, fi Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq Ross u l-area tal-madwar. Dan sabiex jiġi evitat il-konġestjoni tat-traffiku li qed ikun hemm.

**6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni u ppropонihom (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Membru Charles Agius issekondah.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 185 sa nru. 191 għall-approvazzjoni (Ara appendiċi 'D').

7.02 Il-Viċi-Chairperson Grace Scicluna pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

7.03 Il-Membru Joe Oliva ssekonda.

7.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.05 Il-laqgħa tax-xahar t'Ottubru ser issir nhar it-Tnejn 22 t'Ottubru 2012 fis-6.15p.m.

7.06 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fit-7.45p.m.

19/11/12.

**Richard Scicluna'**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**